

**Brussell, 22 ta' Lulju 2024
(OR. en)**

12261/24

**ENER 383
CLIMA 281
TRANS 346
RECH 359
BUDGET 55
IND 370
COMPET 798
FIN 706
FISC 165**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12205/24	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 29/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-appoġġ mill-UE għal bijokarburanti sostenibbli fit-trasport - It-triq 'il quddiem mhijiex ċara" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Lulju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 29/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-appoġġ mill-UE għal bijokarburanti sostenibbli fit-trasport - It-triq 'il quddiem mhijiex ċara", kif approvati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Lulju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 29/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-appoġġ mill-UE għal bijokarburanti sostenibbli fit-trasport - It-triq 'il quddiem mhijiex ċara"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 29/2023 bit-titlu "L-appoġġ mill-UE għal bijokarburanti sostenibbli fit-trasport - It-triq 'il quddiem mhijiex ċara".
2. JIRRIKONOXXI l-enfasi tar-Rapport Speċjali li jiġi vvalutat jekk l-UE hijiex qed tagħti appoġġ lill-bijokarburanti sostenibbli fit-trasport b'mod effettiv u jekk il-bijokarburanti jgħinix lill-UE tilħaq il-miri tagħha dwar l-enerġija u l-klima.
3. IFAKKAR li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew reċentement qablu dwar l-atti leġislattivi proposti mill-Kummissjoni Ewropea fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030; u f'dan il-kuntest JISSOTTOLINJA r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-bijokarburanti fis-settur tat-trasport u l-kriterji ta' sostenibbiltà¹.
4. JIEĦU nota sew tal-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali, inkluż b'mod partikolari l-appell għal qafas politiku tal-UE konsistenti u prevedibbli għall-bijokarburanti fis-settur tat-trasport.

¹ L-Artikolu 1(15), (17), (18) u (19) tad-Direttiva (UE) 2023/2413, li jemenda l-Artikoli 25, 27, 28 u 29 tad-Direttiva 2018/2001.